# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Mejju 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 1233/98mm**

**George Bonnici u John Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Hazel Grech**

**vs**

**Raymond Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fis-17 ta' Gunju 1998 fejn talbu lil din il-Qorti li:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza

tal-incident li sehh fit-12 ta' Frar 1998 ghal habta ta' 1:00p.m. f'Tas Sliema meta l-vettura numru JYG 464 proprjeta' tal-assikurat tal-attur giet milquta waqt li kienet ipparkjata minn materjal li waqqa l-konvenut, u dana imhabba negligenza da parti tieghu meta kien qed jaghmel xoghol f'bini propju fejn kienet ipparkjata din l-istess vettura.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur George Bonnici nomine fl-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) jew ammonti ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' Periti Nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali tal-20 ta' April 1998 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi:

Illi l-eccezzjonijiet tal-atturi huma nfondati peress li ma kienx hu li kkawza d-danni in kwistjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda hsarat li gew ikkagunati fuq il-karozza JYG 464 proprjeta' tal-assikurat ta' l-attur Hazel Grech liema karozza giet milquta b'xi materjal u gebel zghir li allegatament waqqa l-konvenut waqt li kien qed jahdem fuq tieqa fuq il-karozza.

Irrizulta mill-provi illi fit-12 ta' Frar 1998 Hazel Grech ipparkjat il-karozza taghha Triq San Pawl kantuniera ma' Triq Katidral. Ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni li kienu ser isiru xi xogholijiet jew inkella restrizzjonijet ta' parking u ghalhekk marret ghax-xoghol u meta rritornat ghal habta tas-siegha u nofs rat illi kien hemm hafna trab madwar il-karozza u bicciet ta' gebel zghir. Hazel Grech tghid testwalment illi dak il-hin kien ghadu niezel il-materjal ta' frak, gebel u caccis. Hazel Grech harset il-fuq u rat il-konvenut qed jahdem. Nehhiet it-trab u dak il-hin rat li ma kienx hemm hsarat. Il-gebel li kien hemm kien wiehed zghir. Saqet il-karozza u kif daret il-kantuniera ndunat illi kien

hemm stilla fuq il-windscreen li kienet tfisser li kienet waqghet xi haga iebsa fuqha. Waqfet fl-ewwel spazju li kellha, harget tinvestiga u rat li fil-*water channel* bejn l-*windscreen* u l-*bonnet* kien hemm gebla mhux hazin. Dina kienet tidher illi hija bicca caccis. Hazel  Grech irrappurtat lil zewgha u flimkien marru jaghmlu rapport lil Pulizija. Il-Pulizija mar fuq il-post fejn gara l-incident, ra illi kien hemm il-konvenut qed jahdem izda dana nnega illi kien hu li waqqa xi gebel u kkawza dawk il-hsarat lamentati minn Hazel Grech.

Il-konvenut qal li kien minnu li huwa kien qed jahdem xoghol f'dak il-fond li tahta kien hemm ipparkjata l-karozza ta' Grech. Qal illi xogholu kien biss li jwahhal l-aperturi. Hu kien gie kuntrattat mid-ditta Pilastri Limited sabiex jaghmel dan ix-xoghol biss. It-tieqa l-qadima kellha tigi mnehhija minn nies ta' Pilastri Limited u kull ma kellu jaghmel kien li jpoggi x-xambrella u jaghmel it-tieqa. Il-post kien nofsu qadim u nofsu gdid u mieghu jahdmu f'dan il-fond kien hemm ukoll tal-madum fuq in-nahha ta' gewwa, kien hemm il-bajjad fuq barra u l-haddied li kien qed jahdem fil-penthouse. Il-konvenut qal illi huwa beda x-xoghol ghal habta ta' l-10:30a.m. u hekk kif kien qed ipoggi l-ewwel tieqa giet sid il-karozz u saqet. Wara ftit, ghal habta ta' wara nofs in-nhar, giet akkumpanjata minn zewgha u l-pulizija fejn

allegaw illi kien hu illi kkawza d-danni fuq il-*windscreen*. Qal illi dana ma setghax kien ghax hu kien ghadu qed jaghmel l-ewwel xoghol u di piu kien hemm nies ohra jahdmu mieghu wkoll fuq in-nahha ta' barra.

Ikkunsidrat:

Jidba biex jinghad illi l-Qorti mal-ewwel issib xi divergenzi bejn ix-xhieda ta' Hazel Grech u dik tal-konvenut. Il-konvenut qal li xogholu kien biss li jwahhal ix-xambrella tat-tieqa li kienet giet mnehhija minn xi haddiema ohra. Dana  ghamlu billi jpoggieh fil- frame u mbaghad isammru mal-koxxa tal-hajt. Hazel Grech pero' tghid li meta marret hdejn il-karozza fis-siegha ta' wara nofs in-nhar, rat il-konvenut inehhi l-frame ta' l-injam il-qadim ta' tieqa. Il-karozza taghha kienet mimlija trab, frak tal-gebel u caccis. Grech tkompli tghid illi dak il-hin stess kien ghadu niezel il-materjal, quindi l-Qorti jidhrilha illi l-konvenut kellu xoghol iehor barra dak tat-tqeghid tat-tieqa, fis-sens illi kellu jnehhi wkoll il-frame l-qadim. Hazel Grech tghid illi dak il-hin stess kien ghadu niezel il-materjal  u dan huwa probabbli, peress illi meta jinqala frame ta' tieqa, c-caccis jinqala mieghu wkoll u hemm il-probabilita' illi dan ic-caccis jaqa fit-triq. Veru li c-caccis huwa gebel hafif u jitfarrak malajr izda jekk taqa xi bicca sostanzjali

dina tista tkun tqila bizzejjed  sabiex tikkawza l-hsara illi giet lamentata mill-atturi u cioe' li ssir tifrik tal-*windscreen*. Il-*windscreen* mhuwiex maghmul minn hgieg komuni izda hgieg ta' resistenza ghal ta' l-apposta illi meta jigi milqut b'xi haga dan ma jitfarrakx bhal ma jitfarrak hgieg komuni izda biss jsir stilla u jibqa' shieh. Dana huwa ezatt dak illi gara lill-windscreen tal-karozza ta' Grech. Il-Pulizija li mar fuq il-post setgha jikkonstata bicciet tal-gebel u caccis madwar il-karozza fejn kienet ipparkjata. Minkejja c-cahda tal-konvenut il-Qorti jidhrilha illi ghandha temmen il-versjoni ta' Grech li hija aktar kategorika u preciza minn dik moghtija mill-konvenut. Kien facli ghal konvenut illi jghid illi kien hemm haddiema ohra illi setghu kienu responsabbli ghal dawn il-hsarat. Il-Qorti mhijiex qed tghid illi dana ma setghax ikun imma meta Hazel Grech marret fuq il-post ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofs in-nhar kien hemm biss il-konvenut qed  jahdem u l-istess Pulizija illi mar jakkumpanjaha, ra lill-konvenut qed jaghmel dan ix-xoghol. Il-probabbilta' illi dan kien responsabbli  ghal dawn il-hsarat tohrog aktar cara peress illi dak il-hin stess illi Hazel Grech waslet fuq il-post kien ghadu niezel il-materjal minn dan ix-xoghol li kien qed iwettaq il-konvenut. Bhala bniedem tal-mistier il-konvenut messu kien jaf illi meta jigi biex jaqla c-caccis, xi partijiet minnu ser jaqghu fl-art, jew fl-istess kamra

jew inkella fit-triq jekk din it-tieqa kienet taghti fuq dik in-nahha. Allura messu ghamel xi forma ta' lqugh, biex jipprotegi jew in-nies jew inkella l-proprjeta' li jkun hemm taht it-tieqa. Hawnhekk jidher li hemm element ta' traskuragni minn nahha tal-konvenut meta ma hax dawn il-prekawzjonijiet, liema prekawzjonijiet huma tassattivi illi ghandhom jittiehdu dejjem meta jista jkun hemm xi perikolu jew ghan-nies jew ghal proprjeta'. Fix-xhieda tieghu illi ta quddiem din il-Qorti l-konvenut irrikonoxxa illi meta taqla xi xambrella hu probabbli illi jaqa wkoll ic-caccis. Ta' dan il-konvenut kien ben konxju u ladarba ma hax il-mizuri necessarji allura ghandu jkun responsabbli tal-hsarat illi gew ikkawzati sussegwentement.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi, illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza ta' l-incident li sehh fit-12 ta' Frar 1998 ghal habta tas-siegha ta' wara nofs in-nhar f'Tas-Sliema meta l-vettura numru JYG 464 proprjeta' ta' l-assikurat ta' l-attur giet milquta waqt li kienet ipparkjata minn materjal li waqqa l-konvenut u dana minhabba negligenza da parti tieghu meta kien qed jaghmel xoghol f'bini proprju fejn

kienet ipparkjata din l-istess vettura. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' tlett mitt lira (Lm300) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg